



Dokument ta' sessjoni

A9-0263/2023

8.9.2023

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati
(COM(2023)0071 – C9-0022/2023 – 2023/0033(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Nikolaj Villumsen

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- *** II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- *** III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-test il-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	39
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT	42
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	43
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	44

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati

(COM(2023)0071 – C9-0022/2023 – 2023/0033(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0071),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 153(2), punt (b), flimkien mal-paragrafu 1, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0022/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tat-22 ta' Marzu 2023¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0263/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. x. / Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu protezzjoni ugwali tal-ħaddiema kollha u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-konformità tal-SMEs u l-mikrointrapriżi mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. L-SMEs u l-mikrointrapriżi, li jirrappreżentaw maġġoranza kbira tal-intrapriżi fl-Unjoni, għandhom riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani limitati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrapportaw l-effetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi, inkluż kwalunkwe komputu amministrattiv żejjed, sabiex jiġi żgurat li ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat u li jkollhom il-kapaċità finanzjarja u amministrattiva li jikkonformaw mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. F'dan l-isfond, miżuri speċifiċi, bħal appoġġ finanzjarju u tekniku, jistgħu jgħinu lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Iċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu huma reprotossikanti okkupazzjonali ewlenin li jistgħu jaffettwaw kemm il-fertilità kif ukoll l-iżvilupp tal-fetu u jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossiċi għar-riproduzzjoni (kategorija 1A) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u

(6) Iċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu huma reprotossikanti okkupazzjonali ewlenin li jistgħu jaffettwaw kemm il-fertilità kif ukoll l-iżvilupp tal-fetu u jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossiċi għar-riproduzzjoni (kategorija 1A) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u

għalhekk huma sustanzi reprotossiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (ba), tad-Direttiva 2004/37/KE.

għalhekk huma sustanzi reprotossiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (ba), tad-Direttiva 2004/37/KE. *L-istudji juru li ċ-ċomb jammonta għal madwar nofs l-esponiment okkupazzjonali kollu għal sustanzi reprotossiċi. Ma huwiex xjentifikament possibbli li jiġi identifikat livell iżgħar fejn l-esponiment għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu ma jkollux effetti avversi fuq is-saħħa għall-iżvilupp tat-tfal tal-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal. Għalhekk jenħtieġ li tiġi introdotta notazzjoni li tgħid "sustanza reprotossika mingħajr limiti" għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u l-impjegaturi jenħtieġ li jiżguraw li l-livell ta' esponiment tal-ħaddiema jitnaqqas għal-livell l-aktar baxx teknikament possibbli.*

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi rrakkomanda limitu ta' esponiment okkupazzjonali (OEL) ta' 4 µg Pb/m³ bħala medja ponderata skont il-ħin (TWA)^{1a} ta' 8 sigħat. Il-Kumitat irrakkomanda wkoll valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti (BLV) ta' 15-il µg Pb/100 ml (150 µg Pb/L), iżda kkonkluda li tali BLV għaċ-ċomb ma jipproteġix lit-tfal futuri ta' ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal milli jiġu esposti. Il-Kumitat irrakkomanda li l-livell ta' ċomb fid-demm fil-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal jenħtieġ li ma jaqbiżx il-valuri ta' referenza għall-popolazzjoni ġenerali li ma tkunx esposta okkupazzjonalment għaċ-ċomb fl-Istat Membru rilevanti.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Fir-rapport ta' inizjattiva tiegħu dwar qafas strateġiku ġdid tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi perikolużi, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetittivi) tad-9 ta' Frar 2022, il-Parlament Ewropew innota li BLV ta' 15 µg Pb/100 ml (150 µg Pb/L) "ma jipproteġix lin-nisa u speċjalment lin-nisa tqal kif suppost" u talab għal valuri ta' limitu ta' esponiment riveduti għaċ-ċomb u l-komposti tiegħu filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha irrispettivament mill-ġeneru.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7c) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa previsti, irrispettivament, fl-Artikoli 21 u 31 tagħha. Barra minn hekk, hija konformi mal-Prinċipju Nru 10 tal-Pilastru Ewropew

tad-Drittijiet Soċjali, li skontu l-ħaddiema għandhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol b'saħħtu, sikur u adattat sew. Id-dritt tal-ħaddiema għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jinkludi d-dritt għall-protezzjoni mill-effetti taċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, bħall-impatti negattivi fuq il-kapaċità riproduttiva tal-irġiel u n-nisa, kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-fetu. Għalhekk, il-Valur tal-Gwida Bijoloġika għall-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal jenħtieġ li jiġi vvalutat mill-Kummissjoni f'reviżjoni futura u jiġi stabbilit bħala BLV vinkolanti qrib il-valuri referenzjarji tal-popolazzjoni ġenerali mhux esposta b'mod okkupazzjonali għaċ-ċomb f'konformità mal-paragrafu 7b tal-Artikolu 18a tad-Direttiva 2004/37/KE. Tali BLV huwa maħsub biex irawwem il-parteċipazzjoni sħiħa tal-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal fis-setturi ekonomiċi mmirati mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-produzzjoni ta' batteriji sostenibbli u ċirkolari, b'appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Ħaddiema li kienu esposti okkupazzjonalment għaċ-ċomb għal numru ta' snin jistgħu jkunu akkumulaw livelli ta' ċomb fid-demm ferm ogħla mill-BLV rivedut. Fl-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju, diġà jistgħu jiġu osservati effetti avversi fuq is-saħħa f'livelli taċ-ċomb fid-demm li jaqgħu fil-BLV attwali ta' 70 µg Pb/100ml. L-impjegaturi jenħtieġ li jċaqilqu lit-tali ħaddiema għal kompiti oħra fuq il-post tax-xogħol biex jiżguraw it-tnaqqis l-aktar mgħaġġel possibbli fil-livelli taċ-ċomb fid-

demm ta' tali ħaddiema. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-ħaddiema b'livelli ta' ċomb fid-demm bejn 15–30 µg Pb/100ml jistgħu jitħallew ikomplu jwettqu kompiti li jinvolvu esponiment għaċ-ċomb, dment li jkun jista' jiġi stabbilit tnaqqis fil-livell taċ-ċomb fid-demm tagħhom. Tali ħaddiema jenħtieġ li jkunu soġġetti għal sorveljanza dwar is-saħħa mtejba u kontinwa biex tiġi żgurata xejra 'l isfel fil-livell taċ-ċomb fid-demm tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-ACSH u mas-sħab soċjali, tiżviluppa linji gwida u rakkomandazzjonijiet dwar il-ħaddiema b'esponiment storiku, kif ukoll implimentazzjoni Prattika mill-Istati Membri biex tiżgura li x-xibka ta' sikurezza soċjali tagħhom għal tali ħaddiema tkun qed tkoprihom, pereżempju kumpens, appoġġ u taħriġ mill-ġdid adegwati tal-ħaddiema li jkunu ilhom esposti b'mod okkupazzjonali għaċ-ċomb għal numru ta' snin.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fir-rigward tal-immaniġġar tar-riskji, inkluża sorveljanza tas-saħħa speċifika li jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi tal-ħaddiema individwali. Skont ir-rekwiżiti ġenerali tad-Direttiva 2004/37/KE, l-impjegaturi huma obbligati li jiżguraw is-sostituzzjoni tas-sustanza meta jkun teknikament possibbli, l-użu ta' sistemi magħluqa, jew it-tnaqqis tal-esponiment għal kemm jista' jkun baxx teknikament possibbli. Barra minn hekk, kif issuġġerit fl-opinjoni tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol⁹⁰, il-livell ta' ċomb fid-demm u l-komposti inorganiċi tiegħu f'nisa

Emenda

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fir-rigward tal-immaniġġar tar-riskji, ***inkluż miżuri tal-iġjene, l-użu ta' tagħmir protettiv personali u sorveljanza tas-saħħa speċifika li jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi tal-ħaddiema individwali. Billi ċ-ċomb huwa sustanza reprotossika mingħajr limitu, is-sorveljanza dwar is-saħħa preventiva jenħtieġ li tkun waħda mill-aktar miżuri ta' protezzjoni importanti għall-ħaddiema esposti għaċ-ċomb, flimkien mal-miżuri preventivi tekniċi li għandhom jittieħdu mill-impjegaturi.*** Skont ir-rekwiżiti ġenerali tad-Direttiva 2004/37/KE, l-impjegaturi huma obbligati li jiżguraw is-sostituzzjoni

li jistgħu joħorġu tqal jenħtieġ li ma jaqbżux il-valuri ta' referenza tal-popolazzjoni ġenerali li ma tkunx esposta b'mod okkupazzjonali għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu fl-Istat Membru rispettiv. Il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹¹, ta parir dwar l-użu ta' valur ta' gwida bijoloġiku (BGV) peress li ma kienx hemm biżżejjed evidenza xjentifika biex jiġi stabbilit BLV għan-nisa li jistgħu joħorġu tqal. Meta l-livelli nazzjonali ta' referenza ma jkunux disponibbli, il-livelli ta' ċomb fid-demm u l-komposti inorganiċi tiegħu f'nisa li jistgħu joħorġu tqal jenħtieġ li ma jaqbżux il-BGV ta' 4,5 µg/100 ml, kif irrakkomandat mill-opinjoni tal-RAC⁹². Il-BGV huwa indikatur tal-esponiment iżda mhux ta' effetti avversi fuq is-saħħa identifikabbli. Għalhekk, hija taġixxi bħala markatur sentinella biex twissi lill-impjegaturi dwar il-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċifika lil dan ir-riskju potenzjali speċifiku u biex jiġu introdotti miżuri biex jiġi żgurat li kwalunkwe esponiment għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu ma jirriżultax f'effetti avversi fuq is-saħħa tal-iżvilupp fil-fetu jew fil-wild tal-ħaddiema nisa.

tas-sustanza meta jkun teknikament possibbli, l-użu ta' sistemi magħluqa, jew it-tnaqqis tal-esponiment għal kemm jista' jkun baxx teknikament possibbli. Barra minn hekk, kif issuġġerit fl-opinjoni tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol⁹⁰, il-livell ta' ċomb fid-demm u l-komposti inorganiċi tiegħu f'nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal jenħtieġ li ma jaqbżux il-valuri ta' referenza tal-popolazzjoni ġenerali li ma tkunx esposta b'mod okkupazzjonali għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu fl-Istat Membru rispettiv. Il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹¹, ta parir dwar l-użu ta' valur ta' gwida bijoloġiku (BGV) peress li ma kienx hemm biżżejjed evidenza xjentifika biex jiġi stabbilit BLV għan-nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal. Meta l-livelli nazzjonali ta' referenza ma jkunux disponibbli, il-livelli ta' ċomb fid-demm u l-komposti inorganiċi tiegħu f'nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal jenħtieġ li ma jaqbżux il-BGV ta' 4,5 µg/100 ml, kif irrakkomandat mill-opinjoni tal-RAC⁹². ***Minħabba tnaqqis kontinwu fil-livelli ambjentali ta' esponiment taċ-ċomb, dan il-valur jenħtieġ li jiġi rivedut kull ħames snin.*** Il-BGV huwa indikatur tal-esponiment iżda mhux ta' effetti avversi fuq is-saħħa identifikabbli. Għalhekk, hija taġixxi bħala markatur sentinella biex twissi lill-impjegaturi dwar il-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċifika lil dan ir-riskju potenzjali speċifiku u biex jiġu introdotti miżuri biex jiġi żgurat li kwalunkwe esponiment għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu ma jirriżultax f'effetti avversi fuq is-saħħa tal-iżvilupp fil-fetu jew fil-wild tal-ħaddiema nisa.

⁹⁰ L-Opinjoni tal-ACSH dwar iċ-ċomb (2021).
<https://circabc.europa.eu/ui/group/cb9293b>

⁹⁰ L-Opinjoni tal-ACSH dwar iċ-ċomb (2021).
<https://circabc.europa.eu/ui/group/cb9293b>

e-4563-4f19-89cf-4c4588bd6541/library/60b206e1-ee10-40c2-9540-fb6510c11a0c/details

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.)

Dwar l-evalwazzjoni tal-limiti ta' esponiment okkupazzjonali għaċ-ċomb u għall-komposti tiegħu, imwettqa fil-11 ta' Ġunju 2020. (Ara t-taqsima 8.2.4. tal-anness tal-opinjoni).

<https://echa.europa.eu/documents/10162/ed7a37e4-1641-b147-aac-fce4c3014037>

e-4563-4f19-89cf-4c4588bd6541/library/60b206e1-ee10-40c2-9540-fb6510c11a0c/details

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.)

Dwar l-evalwazzjoni tal-limiti ta' esponiment okkupazzjonali għaċ-ċomb u għall-komposti tiegħu, imwettqa fil-11 ta' Ġunju 2020. (Ara t-taqsima 8.2.4. tal-anness tal-opinjoni).

<https://echa.europa.eu/documents/10162/ed7a37e4-1641-b147-aac-fce4c3014037>

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Xi wħud mis-sustanzi koperti minn din id-Direttiva, bħaċ-ċomb, huma meqjusa meħtieġa għar-restawr tal-wirt kulturali jew ta' ċerti attivitajiet kulturali. Għal dawn is-sustanzi u meta ma tkun teżisti l-ebda alternattiva xierqa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-benefiċċji soċjoekonomiċi derivati mill-użu ta' sustanzi bħal dawn meta mqabbla mar-riskju ppreżentat għall-ħaddiema f'dawn is-setturi speċifiċi jew dawn l-attivitajiet. Abbażi ta' din il-valutazzjoni u f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra

eżenzjonijiet immirati u limitati għas-settur kulturali u għal attivitajiet relatati mal-wirt għal OELs u BLVs eżistenti.

Emenda 9

**Proposta għal direttiva
Premessa 9b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Id-data madwar l-Unjoni minn problemi tas-saħħa relatati max-xogħol minħabba l-esponiment għaċ-ċomb spiss ma teżistix, ma tkunx affidabbli jew tkun insuffiċjenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida u rakkomandazzjonijiet għall-ġbir tad-data mill-Istati Membri biex ittejjeb ir-reġistri tar-rapportar u tal-esponimenti.

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 9c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9c) Hemm ħtieġa ta' għarfien fil-fond dwar l-effett fit-tul taċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw, b'mod partikolari, li l-miżuri dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' miżuri ta' esponiment għall-ħaddiema stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/37/KE, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' informazzjoni u taħriġ previsti fl-Artikoli 11 u 12 u l-miżuri ta' iġjene u protezzjoni individwali stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva jqisu s-sitwazzjoni vulnerabbli tan-nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Id-diisoċjanati jistgħu jiġu assorbiti mill-ġilda u l-esponiment għad-diisoċjanati fuq il-post tax-xogħol jista' jirriżulta wkoll fis-sensitizzazzjoni dermali u fis-sensitizzazzjoni tal-apparat respiratorju. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu ta' esponiment okkupazzjonali ta' $6 \mu\text{g}/\text{m}^3$ u limitu ta' esponiment għal perjodu ta' żmien qasir ta' $12 \mu\text{g}/\text{m}^3$ għal dan il-grupp ta' aġenti kimiċi u li tiġi assenjata notazzjoni tas-sensitizzazzjoni tal-ġilda, dermali u respiratorja għaliha.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Jista' jkun diffiċli li wieħed jikkonforma ma' limitu ta' esponiment okkupazzjonali ugwali għal $6 \mu\text{g}/\text{m}^3$ għad-diisoċjanati, akkumpanjat minn limitu ta' esponiment assoċjat għal perjodu ta' żmien qasir ta' $12 \mu\text{g}/\text{m}^3$. Din id-diffikultà hija dovuta għal kwistjonijiet tekniċi ta' fattibbiltà tal-kejl u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mmaniġġar tar-riskji b' mod partikolari f' setturi downstream li jinvolvu attivitajiet bħall-applikazzjonijiet taż-żebgħa, ix-xogħol bil-metall taċ-ċomb, it-twaqqiġ, it-tiswija u l-immaniġġar tar-ruttam, ġestjoni oħra tal-iskart u r-rimedju tal-ħamrija. Għalhekk, jenħtieġ li japplika valur tranżizzjonali ta' $10 \mu\text{g}/\text{m}^3$ b' limitu ta' esponiment assoċjat għal perjodu ta' żmien qasir ugwali għal $20 \mu\text{g}/\text{m}^3$ sal-31 ta' Diċembru 2028.

Emenda

(12) Id-diisoċjanati jistgħu jiġu assorbiti mill-ġilda u l-esponiment għad-diisoċjanati fuq il-post tax-xogħol jista' jirriżulta wkoll fis-sensitizzazzjoni dermali u fis-sensitizzazzjoni tal-apparat respiratorju. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu ta' esponiment okkupazzjonali ta' $6 \mu\text{g NCO}/\text{m}^3$ u limitu ta' esponiment għal perijodu ta' żmien qasir ta' $12 \mu\text{g NCO}/\text{m}^3$ għal dan il-grupp ta' aġenti kimiċi u li tiġi assenjata notazzjoni tas-sensitizzazzjoni tal-ġilda, dermali u respiratorja għaliha.

Emenda

(13) Jista' jkun diffiċli li wieħed jikkonforma ma' limitu ta' esponiment okkupazzjonali ugwali għal $6 \mu\text{g NCO}/\text{m}^3$ għad-diisoċjanati, akkumpanjat minn limitu ta' esponiment assoċjat għal perijodu ta' żmien qasir ta' $12 \mu\text{g NCO}/\text{m}^3$. Din id-diffikultà hija dovuta għal kwistjonijiet tekniċi ta' fattibbiltà tal-kejl u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mmaniġġar tar-riskji b' mod partikolari f' setturi downstream li jinvolvu attivitajiet bħall-applikazzjonijiet taż-żebgħa, ix-xogħol bil-metall taċ-ċomb, it-twaqqiġ, it-tiswija u l-immaniġġar tar-ruttam, ġestjoni oħra tal-iskart u r-rimedju tal-ħamrija. Għalhekk, jenħtieġ li japplika valur tranżizzjonali ta' $10 \mu\text{g NCO}/\text{m}^3$ b' limitu ta' esponiment assoċjat għal perijodu ta' żmien qasir ugwali għal $20 \mu\text{g NCO}/\text{m}^3$ sal-31 ta' Diċembru 2028.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji li pprovda opinjonijiet dwar iż-żewġ sustanzi. Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni f'żewġ stadji mal-maniġment u mal-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 154 tat-Trattat. Ikkonsultat ukoll lill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, li adotta opinjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu⁹³ u l-istabbiliment ta' valur ta' limitu okkupazzjonali għad-diisoċjanati⁹⁴, b'rakkomandazzjonijiet għal notazzjonijiet xierqa.

⁹³ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8.

⁹⁴ Opinjoni tal-ACSH dwar id-diisoċjanati (2021)

<https://circabc.europa.eu/ui/group/cb9293be-4563-4f19-89cf-4c4588bd6541/library/0d11d394-b1e8-4e1a-a962-5ad60f4ab2ae/details>

Emenda 14

Emenda

(14) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji li pprovda opinjonijiet dwar iż-żewġ sustanzi. Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni f'żewġ stadji mal-maniġment u mal-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 154 tat-Trattat. Ikkonsultat ukoll lill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa ***fuq il-Post tax-Xogħol***, li adotta opinjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu⁹³ u l-istabbiliment ta' valur ta' limitu okkupazzjonali għad-diisoċjanati⁹⁴, b'rakkomandazzjonijiet għal notazzjonijiet xierqa, ***u rieżami tal-valuri ta' limitu għad-diisoċjanati mill-2029. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tniedi l-proċess ta' evalwazzjoni tal-ħtieġa li jiġu mmodifikati l-valuri ta' limitu vinkolanti għad-diisoċjanati u jenħtieġ li, wara li tikkonsulta mal-ACSH, fejn xieraq, tipproponi l-emendi meħtieġa għal dak il-grupp ta' sustanzi, u filwaqt li tqis in-numru ta' każijiet dwar l-ażma okkupazzjonali rrappurtati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.***

⁹³ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8.

⁹⁴ Opinjoni tal-ACSH dwar id-diisoċjanati (2021)

<https://circabc.europa.eu/ui/group/cb9293be-4563-4f19-89cf-4c4588bd6541/library/0d11d394-b1e8-4e1a-a962-5ad60f4ab2ae/details>

**Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Il-kobalt u l-komposti tal-kobalt jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni (kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huma karċinoġeni fis-sens tad-Direttiva 2004/37/KE. L-esponiment għall-kobalt u l-komposti tal-kobalt fuq il-postijiet tax-xogħol jista' jirriżulta f'sensitizzazzjoni tal-ġilda u s-sensitizzazzjoni tas-sistema respiratorja. Huwa għalhekk xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż id-data xjentifika u teknika, li jiġu stabbiliti b'mod urġenti valuri ta' limitu kemm għall-frazzjonijiet inalabbli u kif ukoll għal dawk respirabbli tal-kobalt u l-komposti tal-kobalt fil-kuntest tad-Direttiva 2004/37/KE.

Emenda 15

**Proposta għal direttiva
Premessa 14b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14b) Il-benżen jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1A) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu fis-sens tad-Direttiva 2004/37/KE. Il-benżen jista' wkoll jiġi assorbit mill-ġilda. Sal-1 ta' Jannar 2030, jenħtieġ li l-valur ta' limitu stabbilit fl-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE għall-benżen jiġi rivedut fid-dawl ta' data xjentifika aktar reċenti, wara li jiġi kkonsultat l-ACSH. Huwa xieraq li tinżamm in-notazzjoni tal-ġilda. Wara l-opinjoni tal-RAC, l-ACSH, qabel ukoll dwar l-utilità tal-bijomonitoraġġ għall-benżen. Dawk il-kwistjonijiet

*jenħtieġ li jitqiesu meta tkun qiegħda tiġi
żviluppata gwida dwar l-użu prattiku tal-
bijomonitoraġġ.*

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(15a) Il-valur tal-Limitu tal-Espożizzjoni
Okkupazzjonali u l-Valuri tal-Limitu
Bijoloġiku, inkluż il-valur ta' limitu għall-
esponiment storiku u l-valur ta' gwida
għall-ħaddiema nisa ta' età li jista'
jkollhom it-tfal dwar iċ-ċomb, jenħtieġ li
jinżammu taħt skrutinju regolari u jiġu
rieżaminati b'mod strett mill-inqas kull
ħames snin, wara d-dħul fis-seħħ ta' din
id-Direttiva. Tali rieżami jenħtieġ li jsir
abbażi ta' avvanzi fl-għarfien u t-
teknoloġiji u data xjentifika aġġornata,
sabiex jiġu indirizzati l-impatti negattivi
fuq il-kapaċità riproduttiva tal-ħaddiema
nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal kif
ukoll fuq l-iżvilupp tal-fetu u biex tiġi
żgurata protezzjoni ugwali għall-
ħaddiema kollha irrispettivament mill-
ġeneru tagħhom. Tali rieżami jenħtieġ li
jqis ukoll il-klassifikazzjoni taċ-ċomb
bħala reprotossiku mingħajr limitu.*

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(15b) Wara l-introduzzjoni tal-emendi
għall-Anness III tad-Direttiva
2004/37/KE, previsti f'din id-Direttiva,
jenħtieġ li jiġu introdotti valuri ta' limitu
ulterjuri għal sustanzi jew gruppi ta'
sustanzi u proċessi addizzjonali sa tmiem*

l-2024. Bejn 50 u 70 sustanza jew gruppi ta' sustanzi ġew identifikati minn aġenziji differenti, partijiet ikkonċernati, u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa f'listi ta' prijorità ta' karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol li għalihom huma meħtieġa valuri ta' limitu vinkolanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], taġġorna l-pjan ta' azzjoni tagħha biex tikseb limiti ta' esponiment okkupazzjonali għal mill-inqas 5 sustanzi jew grupp ta' sustanzi addizzjonali jew sustanzi ġġenerati minn proċess. Is-sustanzi jew il-gruppi ta' sustanzi addizzjonali msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, sustanzi u proċessi bħal-litju u l-komposti tal-litju, l-idrażina tal-metil, il-1,3-propanesulton, dħaħen tal-iwweldjar, trab tal-ġilda.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 15c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15c) Sustanzi u taħlitiet bi proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali jgħolqu tħassib għas-saħħa pubblika. Ġie ppruvat li t-tfixkil endokrinali jista' jwassal għal ċerti disturbi fil-bnedmin, bħalma huma difetti fit-twelid, disturbi fl-iżvilupp, disturbi riproduttivi jew tal-iżvilupp newroloġiku, kanċer, dijabete u obeżità. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 intitolata "Strateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà. Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" enfasizzat il-ħtieġa li tiġi stabbilita identifikazzjoni legalment vinkolanti tal-periklu ta' interferenti endokrinali u li l-ħaddiema jiġu protetti minn dawk is-sustanzi. Wara l-adozzjoni tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/707^{1a} u l-introduzzjoni ta' klassi ġdida ta' periklu għal interferenti endokrinali, tali sustanzi jenħtieġ li jkunu koperti mil-liġi tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE għall-interferenti endokrinali, li għandhom il-kapaċità li jinterferixxu mas-sistema ormonali u għalhekk jistgħu jinduċu effetti ħżiena fuq is-saħħa.

^{1a} Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/707 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tal-klassijiet u l-kriterji ta' periklu għall-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 7).

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 15d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15d) Biex jiġi żgurat livell komprensiv ta' protezzjoni, huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-effetti ta' esponiment ikkombinat għal sustanzi multipli. Fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema spiss ikunu esposti għal taħlita ta' sustanzi perikolużi, li jistgħu jżidu r-riskji u jikkawżaw effetti negattivi fuq is-saħħa. Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-mira, huwa meħtieġ li tiġi adattata l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli tagħhom biex jitqiesu l-effetti kkombinati.

Emenda 20

**Proposta għal direttiva
Premessa 15e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15e) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat l-esponiment okkupazzjonali tal-pumpiera bħala karċinoġenika (Grupp 1). L-esponiment okkupazzjonali tal-pumpiera jinkludi varjetà ta' perikli li jirriżultaw minn nirien u avvenimenti mhux tan-nar. Il-pumpieri jistgħu jkunu esposti għal prodotti ta' kombustjoni minn nirien, materjali tal-bini, kimiċi fil-fowms tat-tifi tan-nar, ritardanti tal-fjammi u egżost tad-diżil. L-assorbiment ta' effluwenti tan-nar jew kimiċi oħra jista' jseħħ permezz ta' inalazzjoni u assorbiment dermali u possibbilment permezz ta' inġestjoni. Ħaddiema bħal dawn jenħtieġ li jkunu għalhekk protetti aħjar minn tali esponiment.

Emenda 21

**Proposta għal direttiva
Premessa 15f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15f) Azzjoni tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew inniedi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 u l-inizjattiva tal-Materja Prima Kritika mnedija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023, bit-titolu "Provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika b' appoġġ għat-tranżizzjoni doppja", jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, bħal preżempju s-settur tal-batteriji li huwa wieħed minn diversi setturi ta' importanza strateġika li laħaq l-oġettivi tar-Regolament (UE) 2021/1119. Dan jehntieġ bilanċ bejn il-kunsiderazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Billi jiġu adottati limiti

vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali ta' karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi reprotossiċi, il-ħaddiema huma protetti aħjar mill-ħsara u jistgħu jkomplu jaħdmu bl-aktar mod sikur possibbli f'industriji li jipproduċu materja prima kritika, bħaċ-ċomb, li jstimulaw l-ekonomija ċirkolari u jżommu u jtejbu l-awtonomija strateġika internazzjonali fil-materja prima, li huma lkoll prijoritajiet tal-Unjoni. Il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi perikolużi tikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-“Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer”, stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2021. Dan jippromwovi tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali li fiha s-saħħa tal-ħaddiema u livell għoli ta' protezzjoni jimxu id f'id mal-għanijiet ekonomiċi u ambjentali tal-Unjoni. Minħabba l-proprjetajiet perikolużi taċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu, ir-rilokazzjoni ta' kumpaniji tal-ipproċessar taċ-ċomb lejn pajjiżi terzi b'regolamenti dwar is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol inqas stretti jeħtieġ li tiġi evitata f'kull ħin, filwaqt li jiġi offrut l-għola livell possibbli ta' protezzjoni lill-ħaddiema fl-Unjoni.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 15g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15g) Minħabba esponiment imprevedibbli għal ċerti sustanzi, taħlita ta' sustanzi jew restrizzjonijiet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, xi impjegi jenħtieġ li jitqiesu bħala karċinoġeniċi minnhom innifishom. Għal ċerti impjegi huwa diffiċli li wieħed ibassar u jipprepara sa liema punt il-ħaddiema se jkunu esposti għal sustanzi jew taħlitiet ta' sustanzi. Huwa mistenni li l-lista ta'

perikli karċinoġeniċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tiġi estiża f'konformità mal-ammont dejjem jiżdied ta' data u l-progress tar-riċerka medika u xjentifika, li jenfasizzaw in-natura karċinoġenika ta' xi okkupazzjonijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa definizzjoni ta' okkupazzjonijiet li huma kkunsidrati bħala karċinoġeniċi bl-iskop li tgħin lill-impjegaturi jidentifikaw professjonijiet rikonoxxuti f'riskju u tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' miżuri protettivi u taħriġ adegwati skont id-Direttivi 98/24/KE u 2004/37/KE.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 15h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15h) L-ekonomija ċirkolari u s-setturi tal-ġbir, is-separazzjoni u l-irkupru tal-iskart qed jikbru malajr biex jilhqqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-industrija Ewropea u tiġi żgurata awtonomija strateġika akbar għall-Unjoni. Madankollu, dawk l-iżviluppi pożittivi jqajmu ħafna kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali għall-ħaddiema f'dik l-industrija, li, min-natura stess tal-attività tagħhom, x'aktarx ikunu esposti b'mod sproporzjonat għal sustanzi perikolużi. L-esponiment għaċ-ċomb, il-merkurju u metalli perikolużi oħra fil-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-iskart hija pereżempju diġà realtà għal ħafna ħaddiema bħal dawn. Miżuri protettivi ambizzjużi, politiki ta' prevenzjoni adegwati, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità tajba huma meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji ta' esponiment għal sustanzi perikolużi u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 15i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15i) *Ħaddiema informali huma preżenti fis-setturi tal-ġbir, is-separazzjoni u l-irkupru tal-iskart. Esponiment għoli għal riskji, inklużi sustanzi perikolużi, flimkien ma' livell baxx ta' protezzjoni soċjali jqiegħdu lill-biċċa l-kbira tal-ħaddiema tal-ekonomija informali f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna. Miżuri preventivi, fil-forma ta' sistemi ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u kultura ġenerali ta' sikurezza, biex jitnaqqsu r-riskji fuq ix-xogħol ħafna drabi ma jaslux fl-ekonomija informali. Il-miżuri protettivi ta' din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw bl-istess mod għall-ħaddiema kollha. Għal dan l-għan, l-infurzar sħiħ ta' din id-Direttiva, inkluż permezz ta' spezzjonijiet tax-xogħol, huwa meħtieġ sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet u ambjenti tax-xogħol sikuri kif ukoll trattament ugwali tal-ħaddiema fis-setturi kollha.*

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid) Direttiva 98/24/KE Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) *fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:*

'2a. *Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029, il-Kummissjoni għandha tnedi proċess ta' reviżjoni għal-limitu ta' esponiment okkupazzjonali u l-valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali għal żmien qasir għad-diisoċjanati, filwaqt li*

tqis b'mod speċjali l-evalwazzjoni tar-Regolament REACH u kwalunkwe data rilevanti disponibbli u għandha, fejn xieraq, tippreżenta l-emendi meħtieġa lill-grupp ta' sustanzi stabbilit fl-Anness I mingħajr dewmien.”;

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – kliem introduttorju (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-Direttiva 2004/37/KE hija emendata kif ġej:

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 2 – punt b

Test fis-seħħ

Emenda

(b) “mutaġenu” tfisser: sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 1 A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(1) fl-Artikolu 2(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) “mutaġen” tfisser:

(i) sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 1 A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness; “

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 2 – punt ba

Test fis-seħħ

(ba) “sustanza tossika għar-riproduzzjoni” tfisser sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Emenda

(2) *fl-Artikolu 2(1), il-punt (ba) huwa sostitwit b’dan li ġej:*

“(ba) “sustanza *reprotossika*” tfisser:

(i) sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza reprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(ii) *sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta’ din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f’dak l-Anness; “*

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 2 – punt ea (ġdid)

Test fis-seħħ

(3) *fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt li ġej:*

(3) *fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt li ġej:*

“(ea) “*prodotti mediċinali perikolużi*” jew “*HMP*” tfisser *prodotti mediċinali li fihom sustanza waħda jew aktar li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi (kategorija 1A jew 1B), mutaġeniċi (kategorija 1A jew 1B) jew tossiċi għar-*

Emenda

*riproduzzjoni (kategorija 1A jew 1B)
f'konformità mar-Regolament (KE) Nru
1272/2008.”;*

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. L-espożizzjoni m'għandhiex tkun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni kif stabbilit fl-Anness III.

Emenda

(4) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“4. L-espożizzjoni m'għandhiex tkun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza reprotossika kif stabbilit fl-Anness III. **Il-livelli bijoloġiċi ma għandhomx ikunu aktar mill-valur ta' limitu bijoloġiku ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza reprotossika kif stabbilit fl-Anness IIIa.**”*

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ

(5) fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:

*“4a. **Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-mira, l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli ta' dawk is-sustanzi għandha tiġi adattata biex tqis l-effetti kkombinati ta' tali sustanzi skont il-linji gwida tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 18a, il-paragrafu 7a.**”;*

Emenda

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18a – paragrafu 7

Test fis-seħħ

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2024**, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, **u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tippromponi**, fejn xieraq, valur limitu għall-kobalt u għall-komposta tal-kobalt inorganiċi.

Emenda

(6) fl-Artikolu 18a, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2023**, il-Kummissjoni, **wara konsultazzjoni mal-ACSH**, u filwaqt li tqis **l-opinjoni tal-RAC tal-2018 u tal-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku**, għandha fejn xieraq, **tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tintroduċi** valur ta' limitu għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tal-kobalt.”;

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18a – paragrafu 7a (ġdid)

Test fis-seħħ

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru **2024**, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, **u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipprepara linji gwida tal-Unjoni dwar kif l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 5(4a) għandhom jiġu adattati fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi. Dawk il-linji gwida**

Emenda

(7) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“**Sa ... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva li temenda], il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru. 1907/2006, u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipprepara linji gwida tal-Unjoni dwar kif l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 5(4a) għandhom jiġu adattati fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi. Dawk il-linji gwida**

għandhom jiġu ppubblikati fis-sit web tal-EU-OSHA u għandhom jitqassmu fl-Istati Membri kollha mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti”;

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18a – paragrafu 7b (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

(8) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sa ... [12-il xhar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-direttiva ta’ emenda], il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva. Fil-kuntest ta’ dak ir-rieżami, din għandha tikkunsidra jekk humiex xierqa aktar emendi għal din id-Direttiva, għandha tivvaluta l-fattibbiltà li jiġu inklużi sustanzi li jfixklu l-endokrini fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva u, għandha fejn xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18a – paragrafu 7c (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

(9) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sa... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-direttiva emendatorja] u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-

Valur tal-Limitu tal-Espożizzjoni fuq ix-Xogħol u l-Valuri tal-Limitu Bijoloġiku inkluż il-valur ta' limitu għall-esponiment storiku u l-valur ta' gwida għall-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal, stabbiliti fl-Anness III u IIIa, filwaqt li jitqiesu l-impatti negattivi fuq il-kapaċità riproduttiva tal-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-fetu sabiex tiġi żgurata protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha irrispettivament mill-ġeneru tagħhom kif ukoll filwaqt li titqies id-data xjentifika aġġornata u l-klassifikazzjoni taċ-ċomb bħala reprotossiku mingħajr limitu.”

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 18a – paragrafu 7d (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

(10) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sa ... [tnax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH), tiżviluppa definizzjoni ta' “okkupazzjonijiet karċinoġeniċi” u tivvaluta jekk huwiex adegwat li tali okkupazzjonijiet jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.”;

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 18a – paragrafu 7e (ġdid)

(11) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sa ... [tnax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-ACSH, tiżviluppa linji gwida fir-rigward tal-esponiment okkupazzjonali storiku għaċ-ċomb, bil-għan li tiżdied il-protezzjoni u t-tnaqqis tal-esponiment tal-ħaddiema li l-livelli taċ-ċomb fid-demm tagħhom huma ogħla mill-valur ta’ limitu bijoloġiku kif ukoll biex tipproteġi aktar lill-ħaddiema nisa ta’ età li jkollhom it-tfal. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu ppubblikati fis-sit web tal-EU-OSHA u għandhom jitqassmu fl-Istati Membri kollha mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.”

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 18a – paragrafu 7f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ACSH u filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet eżistenti magħmula mill-aġenziji rilevanti, il-partijiet ikkonċernati u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fir-rigward ta’ karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni ta’ prijorità li għalihom huma meħtieġa valuri limitu, tirrevedi l-pjan ta’ azzjoni tagħha biex tikseb valuri limitu ta’ esponiment okkupazzjonali għal sustanzi, jew gruppi ta’ sustanzi jew sustanzi ġġenerati minn

proċess addizzjonali għal daww imsemmija f'din id-Direttiva. Dan għandu jinkludi b'mod partikolari l-litju u l-komposti tal-litju, l-idrażina tal-metil, 1,3-propanesultoni, id-dħaħen tal-iwweldjar u t-trab tal-ġilda. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis dak il-pjan ta' azzjoni rivedut biex jinkisbu valuri limitu għal sustanzi jew grupp ta' sustanzi jew sustanzi ġġenerati minn proċess addizzjonali, l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, u wara konsultazzjoni mal-ACSH, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fejn xieraq.”;

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 18a – paragrafu 7g (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

(13) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sa ... [tnax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tikkunsidra eżenzjonijiet immirati u limitati għal attivitajiet ta' ħidma kulturali u relatati mal-wirt għall-Valuri tal-Limitu tal-Espożizzjoni Okkupazzjonali u l-Valuri tal-Limitu Bijoloġiku eżistenti, u tiegħu azzjoni xierqa.”

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE

Artikolu 18a – paragrafu 7h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) fl-Artikolu 18a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Sal-1 ta’ Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-RAC tal-2018 u l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, tivvaluta l-fattibbiltà ta’ tnaqqis ulterjuri tal-valur limitu għall-benżen u għandha, sal-1 ta’ Jannar 2030, fejn xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-emendi leġiżlattivi meħtieġa għal din id-Direttiva.”;

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Annessi III u IIIa tad-Direttiva 2004/37/KE huma emendati f’konformità mal-Anness II ta’ din id-Direttiva.

L-Annessi **I**, III u IIIa tad-Direttiva 2004/37/KE huma emendati f’konformità mal-Anness II ta’ din id-Direttiva.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Anness I Direttiva 98/24/KE Anness I

Test propost mill-Kummissjoni

L-Anness I tad-Direttiva 98/24/KE huwa sostitwit b’dan li ġej:
ANNEX I

LISTA VINKOLANTI TAL-VALURI TA' LIMITU TAL-ESPOSIZZJONI FUQ IX-XOGĦOL

Isem l-aġent	Nru tal-KE (¹)	Nru tal-CAS (²)	Valuri ta' limitu					Notazzjoni	Miżuri tranżitorji
			8 sigħat (³)			Żmien qasir (⁴)			
			µg/m ³ (⁵)	Ppm (⁶)	f/ml (⁷)	µg/m ³	ppm		
Diisoċjanati			6			12		Ġilda (⁸) Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda (⁹)	Il-valur limitu ta' 10 µg/m ³ f' relazzjoni ma' perijodu ta' referenza ta' 8 sigħat u valur ta' limitu tal-esponent għal żmien qasir ta' 20 µg/m ³ għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2028.

(¹) Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(²) Nru CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

(³) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perijodu ta' referenza tal-medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta' 8 sigħat.

(⁴) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

(⁵) µg/m³ = mikrogrammi għal kull metru kubu ta' arja.

(⁶) ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m³).

(⁷) f/ml = fibri għal kull millilitru.

(⁸) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda.

(⁹) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda u tas-sistema respiratorja.

Emenda

L-Anness I tad-Direttiva 98/24/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

ANNEX I

LISTA VINKOLANTI TAL-VALURI TA' LIMITU TAL-ESPOSIZZJONI FUQ IX-XOGĦOL

Isem l-aġent	Nru tal-KE (¹)	Nru tal-CAS (²)	Valuri ta' limitu					Notazzjoni	Miżuri tranżitorji
			8 sigħat (³)			Żmien qasir (⁴)			
			µg <i>NCO</i> /m ³ (⁵)	Pp m (⁶)	f/ml (⁷)	µg <i>NCO</i> / m ³	ppm		
Diisoċjanati			6			12		Ġilda (⁸) Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda (⁹)	Il-valur ta' limitu ta' 10 µg <i>NCO</i> /m ³ f' relazzjoni ma' perijodu ta' referenza ta' tmien sigħat u valur ta' limitu tal-esponiment għal żmien qasir ta' 20 µg <i>NCO</i> /m ³ għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2028.

(¹) Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(²) Nru CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

(³) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perijodu ta' referenza tal-medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta' 8 sigħat.

(⁴) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

(⁵) **Imkejla bħala** µg *NCO* /m³ = mikrogrammi ta' grupp *NCO/isoċjanat minn diisoċjanat* għal kull metru kubu ta' arja.

(⁶) ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m³).

(⁷) f/ml = fibri għal kull millilitru.

(⁸) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda.

(⁹) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda u tas-sistema respiratorja.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Anness II – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

L-Annessi III u IIIa tad-Direttiva 2004/37/KE huma emendati kif ġej:

Emenda

L-Annessi **I**, III u IIIa tad-Direttiva 2004/37/KE huma emendati kif ġej:

Emenda 44

**Proposta għal direttiva
Anness II – punt - 1a (ġdid)**
Direttiva 2004/37/KE
Annex II – titolu

Test fis-seħħ

Lista ta' sustanzi, preparazzjonijiet u proċessi
(Artikolu 2(a)(iii))

Emenda

(-1) fl-Anness I, it-titolu huwa emendat kif ġej:

“Lista ta' sustanzi, preparazzjonijiet u proċessi
(Artikolu 2(a)(ii), 2(b)(ii), 2(ba)(ii))”;

Emenda 45

**Proposta għal direttiva
Anness II – punt - 1a (ġdid)**
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – punt 8a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda 46

**Proposta għal direttiva
Anness II – punt 1**
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – ringiela 31

Emenda

(-1a) fl-Anness I, jiżdied il-punt li ġej:
“8a. Xogħol li jinvolvi esponiment għal prodotti mediċinali perikolużi.”;

Test propost mill-Kummissjoni

(1) fl-Anness III, punt A, ir-ringiela relatata maċ-ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu hija sostitwita b'dan li ġej:

Isem l-aġent	Nru tal-KE (¹)	Nru tal-CAS (²)	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżitorji
			8 sigħat (³)			Żmien qasir (⁴)				
			mg/m ³ (⁵)	Ppm (⁶)	f/ml (⁷)	mg/m ³	ppm	f/ml		
Ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu			0.03							

- (¹) Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
- (²) Nru CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.
- (³) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perijodu ta' referenza tal-medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta' 8 sigħat.
- (⁴) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
- (⁵) mg/m³ = milligrammi kull metru kubu ta' arja b'20 °C u 101,3 kPa (pressjoni tal-merkurju ta' 760 mm).
- (⁶) ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m³).
- (⁷) f/ml = fibri għal kull millilitru.”;

Emenda

(1) fl-Anness III, il-punt A, ir-ringiela relatata maċ-ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu hija sostitwita b'dan li ġej:

Isem l-aġent	Nru tal-KE (¹)	Nru tal-CAS (²)	Valuri ta' limitu						Notazzjoni	Miżuri tranżitorji
			8 sigħat (³)			Żmien qasir (⁴)				
			mg/m ³ (⁵)	Ppm (⁶)	f/ml (⁷)	mg/m ³	ppm	f/ml		
Ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu			0.03						<i>Sustanza reprotossi ka mingħajr livell limitu</i>	

- (¹) Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
- (²) Nru CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

- (3) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perijodu ta' referenza tal-medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta' 8 sigħat.
- (4) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
- (5) mg/m³ = milligrammi kull metru kubu ta' arja b'20 °C u 101,3 kPa (pressjoni tal-merkurju ta' 760 mm).
- (6) ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m³).
- (7) f/ml = fibri għal kull millilitru.”;

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Anness II – punt 2

Direttiva 2004/37/KE

Anness IIIa

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-Anness IIIa huwa sostitwit b'dan li ġejj:

‘ANNEX IIIa (l-Artikolu 16(4))

VALURI LIMITU BIJOLOĠIĊI U MIŻURI TAS-SORVELJANZA TAS-SAĦĦA

(l-Artikolu 16(4))

Iċ-ċomb u l-komposti *joniċi* tiegħu

Il-monitoraġġ bijoloġiku għandu jinkludi l-kejl tal-livell taċ-ċomb fid-demmm (PbB) bl-użu tal-ispettrometrija tal-assorbiment jew metodu li jagħti riżultati ekwivalenti. Il-valur limitu bijoloġiku vinkolanti huwa:

15 µg Pb/100 ml demm⁽¹⁾

Emenda

(2) L-Anness IIIa huwa sostitwit b'dan li ġejj:

‘ANNEX IIIa (l-Artikolu 16(4))

VALURI LIMITU BIJOLOĠIĊI U MIŻURI TAS-SORVELJANZA TAS-SAĦĦA

(l-Artikolu 16(4))

Iċ-ċomb u l-komposti *inorganiċi* tiegħu

Il-monitoraġġ bijoloġiku għandu jinkludi l-kejl tal-livell taċ-ċomb fid-demmm (PbB) bl-użu tal-ispettrometrija tal-assorbiment jew metodu li jagħti riżultati ekwivalenti. Il-valur limitu bijoloġiku vinkolanti huwa:

15 µg Pb/100 ml demm⁽¹⁾

Jekk ir-riżultati tas-sorveljanza dwar is-saħħa jiżvelaw livell ta' ċomb fid-demmm ta' ħaddiem akbar mill-valur ta' limitu 30 µg Pb/100 ml ta' demm, l-impjegatur u l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza dwar is-saħħa ta' dak il-ħaddiem għandhom jiżguraw li l-ħaddiem ma jkunx aktar espost għaċ-ċomb f'konformità mal-linji gwida żviluppati skont l-Artikolu 18a.

Jekk ir-riżultati tas-sorveljanza medika

jiżvelaw livell ta' ċomb fid-demm ta' ħaddiem bejn 15–30 µg Pb/100 ml ta' demm u jekk tiġi stabbilita xejra ta' tnaqqis lejn il-valur limitu fis-seħħ, allura dak il-ħaddiem jista' jkompli jaħdem b'kompiti li jinvolvu espożizzjoni għaċ-ċomb.

Għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fir-rigward tal-immaniġġar tar-riskji, inkluża sorveljanza tas-saħħa speċifika u regolari, standards għola għat-tagħmir ta' protezzjoni personali u kontrolli regolari tal-livelli taċ-ċomb fid-demm. Skont ir-rekwiżiti ġenerali tad-Direttiva 2004/37/KE, l-impjegaturi huma obbligati li jiżguraw is-sostituzzjoni tas-sustanza meta jkun teknikament possibbli, l-użu ta' sistemi magħluqa, jew it-tnaqqis tal-esponiment għal kemm jista' jkun baxx teknikament possibbli.

Sorveljanza medika titwettaq **jekk l-espożizzjoni għal konċentrazzjoni ta' ċomb fl-arja tkun akbar minn 0,015 mg/m³, ikkalkulata bħala medja ponderata skont il-ħin fuq 40 siegħa fil-ġimgħa, jew livell ta' ċomb tad-demm akbar minn 9 µg Pb/100 ml ta' demm jitkejjel f'ħaddiema individwali.**

Sorveljanza medika titwettaq **regolarment għall-ħaddiema kollha esposti għaċ-ċomb u għall-komposti inorganiċi tiegħu.**

(1) Huwa rakkomandat li l-livell taċ-ċomb fid-demm fil-ħaddiema nisa fl-età li jista' jkollhom it-tfal ma jaqbiżx l-valuri ta' referenza tal-popolazzjoni ġenerali li mhux espososta okkupazzjonalment għaċ-ċomb fl-Istati Membri rispettivi tal-UE. Meta l-livelli ta' referenza nazzjonali ma jkunux disponibbli, huwa rakkomandat illi l-livelli ta' ċomb fid-demm fil-ħaddiema nisa fl-età li jista' jkollhom it-tfal ma jaqbżux il-Valur ta' Gwida Bijoloġiku ta' 4.5 µg/100ml.”

(1) Huwa rakkomandat li l-livell taċ-ċomb fid-demm fil-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal ma jaqbiżx l-valuri ta' referenza tal-popolazzjoni ġenerali li mhux espososta okkupazzjonalment għaċ-ċomb fl-Istati Membri rispettivi tal-UE. Meta l-livelli ta' referenza nazzjonali ma jkunux disponibbli, huwa rakkomandat illi l-livelli ta' ċomb fid-demm fin-nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal ma jaqbżux il-Valur ta' Gwida Bijoloġiku ta' 4.5 µg/100ml.” **Minħabba tnaqqis kontinwu tal-livelli ambjentali ta' esponiment taċ-ċomb, dan il-valur għandu jiġi revedut kull ħames snin.**

NOTA SPJEGATTIVA

Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema hija minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u hija element ewlieni tal-ekonomija tal-UE għas-servizz tan-nies. Id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali huwa rifless fil-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u huwa fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Ħadd ma għandu jbati minn mwiet, mard jew inċidenti relatati max-xogħol. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) hija għalhekk qasam regolatorju ewlieni li jikkonċerna kważi 170 miljun ħaddiem fl-UE. Inizjattivi ta' politika bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew jew l-Inizjattiva tal-Materja Prima Kritika jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, li jeħtieġ bilanċ bejn kunsiderazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Billi jiġu adottati limiti vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali kontra l-karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, il-ħaddiema huma protetti aħjar mill-ħsara u jistgħu jkomplu jaħdmu bl-aktar mod sigur possibbli f'industriji li jipproduċu materja prima kritika jew jikkontribwixxu għall-ekonomija ekoloġika. Dan, imbagħad, jippromwovi tranżizzjoni ġusta billi jiżgura li s-saħħa tal-ħaddiema ma tiġix kompromessa għad-detriment tal-għanijiet ekonomiċi u ambjentali tal-Unjoni. Il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi perikolużi tikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

Fil-qafas il-ġdid tal-2021-2027 tal-OSH, l-Unjoni timpenja ruħha għal valuri ta' limitu protettivi ġodda fuq id-diisoċjanati u ċ-ċomb, li ġew identifikati fl-istrateġija tal-2020 dwar is-sustanzi kimiċi bħala xi wħud mill-aktar sustanzi kimiċi perikolużi li għandha tittieħed azzjoni dwarhom.

B'dan ir-rapport, il-Parlament Ewropew qed jadotta għall-ewwel darba valuri ta' limitu okkupazzjonali għad-diisoċjanati, li hija sustanza essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jirrevedi l-valuri ta' limitu għaċ-ċomb għall-ewwel darba f'aktar minn 40 sena. Qed jiġi introdott ukoll mekkaniżmu ta' rieżami biex jiġgarantixxi reviżjonijiet regolari minn issa 'l quddiem biex jiġi żgurat li daww il-valuri ta' limitu jiġu aġġornati regolarment, filwaqt li titqies l-aħħar data xjentifika.

Diisoċjanati

Id-diisoċjanati jintużaw biex jipproduċu l-poliuretan, materjal ewlieni għal firxa ta' applikazzjonijiet bħall-iżolazzjoni fil-bini u l-apparat, li jikkontribwixxi għall-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ permezz tal-effiċjenza enerġetika. Madankollu, id-diisoċjanati huma aġenti kimiċi perikolużi li jistgħu jikkawżaw l-ażma okkupazzjonali u l-mard okkupazzjonali dermali – reazzjonijiet allerġiċi li jistgħu jseħħu minħabba l-esponiment għal tali sustanzi. Skont stimi, madwar 4.2 miljun ħaddiem huma esposti għal diisoċjanati, li jagħmel id-Diisoċjanati waħda mill-aktar kawżi komuni tal-ażma okkupazzjonali, u aktar minn 2.4 miljun kumpanija fl-UE huma kkonċernati.

Kunsens tripartitiku dwar il-valuri ta' limitu.

Il-valuri ta' limitu (limitu ta' esponiment okkupazzjonali/limitu ta' esponiment għal żmien qasir) għad-diisoċjanati, li issa huma proposti għall-ewwel darba fil-livell tal-UE, huma appoġġjati mill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH), li jikkonsisti minn gvernijiet nazzjonali u organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-

impjegaturi. Dan ir-rapport għalhekk jipproponi li jiġu adottati l-valuri ta' limitu u l-klawżola ta' reviżjoni proposta mill-ACSH mhux emendati fl-ispirtu ta' appoġġ u avvanz ta' soluzzjonijiet li ġew miftiehma bejn is-sħab soċjali, flimkien mal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Ċomb

Bħalissa, iċ-ċomb għandu varjetà kbira ta' applikazzjonijiet industrijali. Iċ-ċomb huwa sustanza reprotossika fuq il-post tax-xogħol li takkumula fil-ġisem minħabba l-espożizzjoni u li tista' taffettwa l-funzjoni sesswali u l-fertilità kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, u l-iżvilupp tal-fetu jew tal-wild (tossiċità tal-iżvilupp). L-esponiment għaċ-ċomb jista' jirriżulta f' fertilità indebolita, f'korrimenti jew f'difetti serji tat-twelid, kif ukoll f'effetti oħrajn perikolużi bħal newrotossiċità, tossiċità fil-kliewi, effetti kardjovaskulari u effetti ematoloġiċi. Iċ-ċomb jammonta għal madwar nofs l-esponimenti okkupazzjonali kollha għal sustanzi reprotossiċi u għal każijiet assoċjati ta' mard riproduttiv. Bħalissa, huwa stmat li madwar 50 000 sa 150 000 ħaddiem fl-UE huma esposti għaċ-ċomb. Il-limitu ta' esponiment okkupazzjonali (OEL) u l-valur ta' limitu bijoloġiku (BLV) vinkolanti attwali tal-UE ma ġewx aġġornati għal aktar minn 40 sena.

Fin-nuqqas ta' kunsens fl-ACSH dwar il-valuri ta' limitu għaċ-ċomb, dan ir-rapport jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex jitnaqqas il-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol minn 0.15 milligramma għal kull metru kubu (0.15 mg/m^3) għal 0.03 mg/m^3 u biex il-BLV jitnaqqas minn 70 mikrogramma għal kull 100 millilitru ta' demm ($70 \mu\text{g}/100\text{ml}$) għal $15 \mu\text{g}/100\text{ml}$. Barra minn hekk, dan ir-rapport jipproponi klawżola ta' reviżjoni li tindirizza l-impatt negattiv tal-esponiment okkupazzjonali għaċ-ċomb fuq is-saħħa riproduttiva tal-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal, kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-fetu. Tali klawżola ta' reviżjoni jenħtieġ li tqis ukoll data xjentifika aġġornata u l-klassifikazzjoni taċ-ċomb bħala reprotossiku mingħajr limitu.

Esponiment storiku

Dan ir-rapport iqis is-sitwazzjoni speċifika tal-ħaddiema b'esponiment storiku. Il-ħaddiema li kienu esposti okkupazzjonalment għaċ-ċomb għal diversi snin jistgħu jkunu diġà akkumulaw livelli ta' ċomb fid-demm ferm ogħla minn kwalunkwe BLV ġdid. F'tali sitwazzjonijiet, jekk ir-riżultati tas-sorveljanza medika jżvelaw livell ta' ċomb fid-demm ta' ħaddiem bejn 15–30 $\mu\text{g Pb}/100 \text{ ml}$ ta' demm u jekk tiġi stabbilita xejra ta' tnaqqis lejn il-valur limitu fis-seħħ, allura dak il-ħaddiem jista' jkompli jaħdem b'kompiti li jinvolvu espożizzjoni għaċ-ċomb. Inkella, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-ħaddiem ma jibqax espost għaċ-ċomb. Barra minn hekk, dan ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida, f'konsultazzjoni mal-ACSH, fir-rigward tal-esponiment okkupazzjonali storiku għaċ-ċomb bil-ħsieb li jiżdiedu l-protezzjoni u t-tnaqqis tal-esponiment tal-ħaddiema li l-livelli taċ-ċomb fid-demm tagħhom huma ogħla mill-valur ta' limitu bijoloġiku kif ukoll biex il-ħaddiema nisa ta' età li jista' jkollhom it-tfal jiġu protetti aktar.

Esponiment ikkombinat

Sabiex jiġi żgurat livell komprensiv ta' protezzjoni, huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-effetti ta' esponiment ikkombinat għal sustanzi multipli. Fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema spiss ikunu esposti għal taħlita ta' sustanzi perikolużi, li jistgħu jżidu r-riskji u jikkawżaw effetti negattivi fuq is-saħħa. Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-mira, huwa meħtieġ li tiġi adattata l-

implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli tagħhom biex jitqiesu l-effetti kkombinati. Dan ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni tfejji linji gwida tal-Unjoni dwar kif l-implimentazzjoni ta' dawg il-valuri ta' limitu għandhom jiġu adattati fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi.

Definizzjoni ta' okkupazzjonijiet karċinoġeniċi

Minħabba esponiment imprevedibbli għal ċerti sustanzi, taħlita ta' sustanzi jew restrizzjonijiet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, xi impjegi jenħtieġ li jitqiesu bħala karċinoġeniċi minnhom innifishom. Dan ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa definizzjoni ta' "okkupazzjonijiet karċinoġeniċi" u tivvaluta l-adegwatezza li tali okkupazzjonijiet jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CMRD.

Interferenti endokrinali u sustanzi addizzjonali

Dan ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva CMRD għall-interferenti endokrinali li jistgħu jwassal għal ċerti disturbi fil-bnedmin, bħalma huma difetti fit-twelid, disturbi fl-iżvilupp, disturbi riproduttivi jew tal-iżvilupp newroloġiku, kanċer, dijabete u obeżità. Dan ir-rapport qed jitlob ukoll li jiżdiedu sustanzi ġodda fil-qafas tad-direttiva CMRD, bħad-dħaħen tal-iwweldjar tal-litju u t-trab tal-ġilda kif ukoll biex jiġi stabbilit valur limitu għall-kobalt u l-komposti inorganiċi tal-kobalt.

Xogħol informali

Esponiment għoli għal riskji, inklużi sustanzi perikolużi, flimkien ma' livell baxx ta' protezzjoni soċjali jqiegħdu lill-biċċa l-kbira tal-ħaddiema tal-ekonomija informali f' sitwazzjoni vulnerabbli ħafna. Miżuri preventivi, fil-forma ta' sistemi ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u kultura ġenerali ta' sikurezza, biex jitnaqqsu r-riskji fuq ix-xogħol ħafna drabi ma jaslux fl-ekonomija informali. Dan ir-rapport jappella għall-infurzar sħiħ tad-direttivi CMRD u CAD sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet u ambjenti tax-xogħol sikuri kif ukoll trattament ugwali tal-ħaddiema fis-setturi kollha.

ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-[rapport / abbozz tar-opinjoni, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat]:

Entità u/jew persuna
BusinessEurope
Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions - KETU
SMEUnited - Assoċjazzjoni Ewropea tal-Artiġjanat u tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju Federazzjoni Ewropea tal-Unjonijiet tas-Servizz Pubbliku - EPSU
SGI Europe - Ċentru Ewropew ta' Intrapriżi b'parteċipazzjoni pubblika u ta' Intrapriżi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali
Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins - ETUI
ISOPA
ALIPA
Danish Trade Union Confederation (Konfederazzjoni Daniża tat-Trejdjunjins) - FH
Kummissjoni Ewropea

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati
Referenzi	COM(2023)0071 – C9-0022/2023 – 2023/0033(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	13.2.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 13.3.2023
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 13.3.2023
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ENVI 23.3.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Nikolaj Villumsen 10.3.2023
Eżami fil-kumitat	28.6.2023
Data tal-adozzjoni	7.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 –: 4 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Angel, Dominique Bilde, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Foulas, Chiara Gemma, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Katrin Langensiepen, Elena Lizzi, Max Orville, Sandra Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Pirkko Ruohonen-Lerner, Mounir Satouri, Monica Semedo, Eugen Tomac, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Maria Walsh, Stefania Zambelli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Alexander Alexandrov Yordanov, Catherine Amalric, Carmen Avram, Lina Gálvez Muñoz, Eugenia Rodríguez Palop
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Irena Joveva, Ana Miranda
Data tat-tressiq	8.9.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

37	+
ECR	Pirkko Ruohonen-Lerner
ID	Elena Lizzi, Stefania Zambelli
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, David Casa, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Furlas, Helmut Geuking, Radan Kanev, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh
Renew	Catherine Amalric, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo
S&D	Alex Agius Saliba, Marc Angel, Carmen Avram, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Lina Gálvez Muñoz, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius
The Left	Özlem Demirel, Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Kira Marie Peter-Hansen

4	-
ECR	Chiara Gemma, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska
ID	Dominique Bilde

3	0
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Ana Miranda, Mounir Satouri

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni